MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 173/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Luke Bonello)**
**Vs**
**Anton Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 55569(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-18 ta' Novembru, 2011 ghall-habta ta' 23.00 hrs bhala persuna li assuma risponsabilita` tal-hanut ta' inbid, birra u xort spirituz bl-isem Alaska li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan, ippermett tfal taht is-sbatax (17) il-sena u cioe` lil Axel Vella biex jithlu fil-post imsemmi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Marzu, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 6 u 14 ta' l-Avviz Legali 10.40, sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront

tieghu u mmultatu multa komplessiva ta' tlett mija u hamsin Ewro (€350) pagabbli fuq medda ta' tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' April, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1) Illi l-Ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li gialadarba l-PUlizija sabet fil-hanut in kwistjoni persuna ta' taht is-sbatax il-sena, tkellmet lill-appellant, allura ikkunsidrat u qieset illi huwa l-persuna responsabbli u li ghandu jwiegeb ghal dan l-akkadut.

Illi l-appellant mhux sid jew licensee jew substitute ta' l-istabbiliment u ghaldaqstant mhux responsabbli ta' l-istess stabiliment;

2) Illi b'zieda ma' dan, Axel Vella xehed li ma dahalx mill-bieb principali tal-hanut in kwistjoni, dan minhabba l-fatt li kieku pprova jidhol mill-bieb principali ma kienx jithalla jidhol. Illi anke fl-ipotezi li s-sid, licensee jew substitute tal-post kien jaghmel minn kollox biex ma jidhlux persuni mhux awtorizzati, dan kien jahrablu. Ghalhekk, fl-aghar ipotezi li l-appellant kien responsabbli, jezistu skuzanti ghal dan il-fatt.

3) Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' Cesare Beccaria.

*"……che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso ….."*

l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Semgħet ix-xhieda mill-ġdid. Fost ix-xhieda kien hemm il-PL Quentin Tanti in rappreżentanza tal-Malta Tourism Authority. Dan ix-xhud qal li l-istabbiliment Alaska ma kienx traċċat fid-database tal-Awtorita'. Għalhekk Anton Zammit mhux liċenzjat sabiex jopera tali stabbiliment. Dan l-istabbiliment lanqas fil-passat ma kien hemm liċenzji fuqu. Liċenzja fuq dan l-istabbiliment la kien hemm fit-18 ta' Novembru 2011 u lanqas matul dan ix-xahar. Isegwi li la kien hemm licenses u lanqas substitutes. Ix-xhud ikkonferma document a fol 4 maħruġ mill-Quality Assurance Directorate fejn jingħad li l-istabbiliment ma kienx fuq id-database tal-Awtorita'. Ix-xhud kellu d-data updated sat-3 ta' Lulju 2013.

Xehed l-appellant Anton Zammit xehed li hu kien qed jieħu drink ma' sħabu. Meta ġiet is-surġent bdiet tsitaqsi lis-security min kien in charge tal-post. Hu qalilha li ma kienx jaf min hu l-licensee u qabad u ta ismu, kunjomu u l-ID card. Is-surġenta qalet li kienet sabet tifel taħt l-eta'. Ix-xhud lanqas biss kellu idea min kien dan it-tifel. Ix-xhud qal li hu kien biss klijent u li ma kellu ebda kariga fl-istabbiliment. Min jiġġestixxi l-ħanut ma kienx hemm dak il-ħin.

Fil-kontro-eżami huwa qal li huwa kien ta lis-surġent ismu u kunjomu għax huwa ħabib tal-manager tal-post.

Ikkonsidrat

Din il-Qorti ma xehdux ix-xhieda kollha li xehdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fosthom Axel Vella (ID Card number 179395(M)). Mill-ID card jidher li din kienet il-persuna taħt l-eta' fit-18 ta' Novembru 2011. Fiċ-ċitazzjoni r-referenza għall-persuna taħt l-eta' hija indikata bħala Axel Vella.

Lanqas ma xehdet WPS 139 li kienet responsabbli mir-rapport.

Għaldaqstant, l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata minħabba li quddiem il-Qorti tal-Appell ix-xhieda importanti ma xehdux.

Iżda barra minn dan ma nġabet ebda prova li l-appellant huwa l-licensee jew is-substitute. Anzi x-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni qal bla tlaqliq li l-istabbiliment lanqas biss jidher fuq id-database. Skont ma xehed l-appellant huwa kien biss klijent iżda ammetta wkoll li kien ħabib tal-manager.

Konklużjoni

Għar-raġunijiet mogħtija f'dawn l-aħħar erba' paragrafi, il-Qorti qed tilqa' l-aggravju tal-appellant u qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fid-29 ta' Marzu, 2012 u qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u ħtija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------